



Brussell, 24 ta' Novembru 2025
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0339(NLE)

15231/25
ADD 1

TRANS 534
COWEB 144
ELARG 141

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Abbozz tad-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT li temenda l-Anness tar-Regoli Finanzjarji u l-Proċeduri tal-Awditjar applikabbli għall-Komunità tat-Trasport, adottati skont id-Deċiżjoni Nru 2022/02 tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru 2025/...
TAL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA REĠJONALI
TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT

ta' ...

**li temenda l-Anness tar-Regoli Finanzjarji u l-Proċeduri tal-Awditjar
applikabbli għall-Komunità tat-Trasport, adottati skont id-Deċiżjoni Nru 2022/02
tal-Komitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport**

IL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 24(1) u l-Artikolu 35 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 2022/02 tal-Komitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar il-proċedura riveduta għall-implimentazzjoni tal-baġit u l-preżentazzjoni u l-awditjar tal-kontijiet, applikabbli għall-Komunità tat-Trasport,

¹ ĠU UE L 278, 27.10.2017, p. 3, ELI:
http://data.europa.eu/eli/agree_international/2017/1937/oj.

Billi:

- (1) L-Anness eżistenti tar-Regoli Finanzjarji u l-Proċeduri tal-Awditjar applikabbli għall-Komunità tat-Trasport, adottati skont id-Deċiżjoni Nru 2022/02 tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport ma jindirizzax b'mod espliċitu każijiet fejn dispożizzjonijiet rilevanti dwar l-akkwist ta' oġġetti, xogħlijiet jew servizzi jkunu assenti jew mhux speċifiċi.
- (2) Il-proċeduri ta' akkwist għal ċerti oġġetti u servizzi sempliċi u ta' valur baxx jeħtieġu qafas aktar sempliċi u effiċjenti biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva.
- (3) Huwa imperattiv li jissaħħaħ il-qafas tal-akkwist biex ikun hemm eżekuzzjoni aktar faċli tal-proċeduri tal-akkwist skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport filwaqt li jiġu żgurati l-kompetittività, it-trasparenza u t-trattament ugwali fil-proċess tal-akkwist,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regoli Finanzjarji u l-Proċeduri tal-Awdiċjar applikabbli għall-Komunità tat-Trasport, adottati skont id-Deċiżjoni Nru 2022/02 tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport, huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Taqsima 3, jiżdied il-punt li ġej:

“4.2 Proċedura ta’ akkwist simplifikata għal oġġetti u servizzi ta’ valur baxx

Għall-akkwist ta’ servizzi u provvisti sempliċi, diretti u ta’ rutina, inkluż iżda mhux limitat għall-kiri ta’ post, is-servizzi ta’ ristoranti, it-traduzzjoni, il-kiri ta’ tagħmir u x-xiri ta’ oġġetti, fejn il-volum u l-ħin preċiżi tal-konsenja jistgħu jiġu definiti mill-bidu nett u fejn il-valur totali stmat ma jaqbiżx l-EUR 20,000 (minbarra l-VAT), għandha tapplika proċedura ta’ akkwist simplifikata.

Din il-proċedura għandha tikkonsisti minn:

- (a) il-ġbir ta’ mill-inqas tliet offerti minn fornituri eliġibbli;
- (b) l-evalwazzjoni tal-offerti abbażi ta’ fatturi ewlenin bħall-prezz u l-kapaċità li jiġu pprovduti s-servizzi jew il-provvisti;
- (c) l-għoti tal-kuntratt u l-finalizzazzjoni tiegħu permezz ta’ ordni ta’ xiri jew kuntratt dirett simplifikat.

Din il-proċedura simplifikata għandha tiżgura konsultazzjoni adegwata tas-suq, filwaqt li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi. Għandu jinżamm rekord tal-offerti miġbura u tal-proċess ta' evalwazzjoni sabiex ikun jista' jsir rekord xieraq tal-awditjar u sabiex tiġi żgurata t-trasparenza tal-proċess”;

(2) tiżdied it-taqsimha li ġejja:

“5. Taqsima 4

5.1 F'każijiet fejn dan l-Anness ma jkunx fih dispożizzjonijiet espliċiti, għandhom japplikaw ir-regoli u l-prinċipji stipulati fid-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE², bl-adattamenti neċessarji.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., fi ... 2025

*Għall-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali
Il-President*

² ĠU UE L 94, 28.3.2014, p. 65, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/24/oj>.